MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2011

Numru 1/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**
**vs.**
**Garaad Ibrahim Mohamed**
**Ahmed Sharif Haydar Issa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Ahmed Sharif Haydar Issa** ta` 28 sena, bin Haydar Issa u Amina Osman mwieled Mogadishu Somalia nhar l-1 ta` Jannar 1983 residenti (Homeless), detentur tal-karta ta` l-identita numru 43683A,

u fil-konfront tal-imputat l-iehor **Garaad Ibrahim Mohamed** ta` 20 sena, bin Ibrahim Mohamed u Rowde Mohmud mwieled Mogadishu Somalia nhar l-1 ta` Jannar 1991, residenti Hal Far Tent Village, Hal Far, Limiti ta` Hal Far, Birzebbugia, u detentur tal-karta ta` l-identita numru 66126A akkuzati talli;

Fil-lejl ta` bejn id-9 u l-10 ta` Dicembru 2011, ghall-hin ta` bejn il-11:30pm u is-1:30pm, fl-inhawi u fil-gnien tal-“Pinetum” Pieta, u fl-inhawi ta` Sa Maison Floriana, ikkommettew serq ta` 350 Ewro, u cavetta ta` vettura ghad-detriment ta` Joseph Attard, liema serq ta` flus huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li jeccedi is-somma ta` 232.94 Ewro izda mhux dik ta` 2329.4 Ewro, bil-lok u bil-hin,

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkommettew serq ta` flus ghad-detriment ta` Emanuel Chetcuti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-lok u bil-hin,

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja f`periklu car ta` Joseph Attard ikkagunaw ferita ta` natura gravi fuq l-istess persuna ta` Joseph Attard hekk kif iccertifika Dr Jeffery Bonnici mill-isptar Mater Dei,

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Joseph Attard u lil Emanuel Chetcuti kontra il-volonta tieghhom,

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b`mezzi kontra il-ligi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioé nuccali ghad-detriment ta` Emanuel Chetcuti, liema hsara ma tiskorrix il-116.47 Ewro,
Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament, kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tipprovdi skond l-Artikolu 383 *et seq* tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghas-sigurta ta` Joseph Attard u Emanuel Chetcuti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat illi l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputati jammettu ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u dana minkejja l-fatt li din il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-aktar mod solenni lill-imputati bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u kkoncedietilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkonsidraw t-twegiba taghhom u jergghu lura minnha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ghall-finijiet ta' piena, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, l-istqarrijiet rilaxxati minnhom lill-Pulizija u kif ukoll l-ammissjoni taghhom fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(a), 261(c), 261(e), 261(f), 262, 267, 269, 270, 277, 214, 218(1)(b), 86, 325(1)(c) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom, kull wiehed, ghal sitta u tletin (36) xahar prigunerija li, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputati bi kliem car ir-responsabilita' taghhom taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huma jikkomettu matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti tordna li, *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------